JUNIOR LYCEUMS & SECONDARY SCHOOLS
FINAL EXAMINATIONS 2001
Educational Assessment Unit – Education Division

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN** |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________ **Klassi:** ____________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 25 | 4 | 8 | 29 | 25 | 100 |
| Marki ta' l-istudent\a | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## TEST GHALL-ISTHARRIĠ

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***



## TIĠDID

F'dawn il-ġranet tar-rebbiegħa, il-ħajja tidher sabiħa fit-tiġdid li naraw fil-kampanja tagħna u saħansitra f'sempliċi xitla kkripata ġo qasrija. It-tiġdid huwa sabiħ daqskemm huma koroh il-mewt, il-qirda, in-nixfa, l-isterilita'. Dawn iġibu magħhom id-dmugħ, id-diżillużjoni, il-pessimiżmu. It-tiġdid, iżda, iġib il-ferħ, tama f'ġejjieni sabiħ, ħolma u tbassir ta' riżultati tajba u frott kotran. Dawn huma l-waqtiet sbieħ tal-ħajja. Żmien it-tama u s-saħħa tal-mistenni. Il-kampanja tagħna tidher sabiħa meta s-siġra ta' Ġuda tilbes il-libsa tal-frak vjola delikat. Meta z-zokk kollu ħjut tad-dielja jibda ħiereġ minnu l-weraq. Iz-zkuk tal-frott irqiq jibdew jarmu. Il-larinġa u siġar oħra jfewħu bir-riħa taż-żahar. *(par. 1)*

Dak li kien jidher imgħakkes, megħlub u mitni jerġa' jerfa' rasu u jieħu ħajja ġdida fit-tiġdid tiegħu. X'hawn isbaħ mit-tiġdid tagħna stess li naraw fit-twelid ta' wliedna u wlied uliedna? Dan mhux narċissiżmu, imma hu l-ħmira ta' ħajjitna. *(par. 2)*

Imma t-tiġdid mhux sabiħ biss fil-ħajja tal-kampanja u fil-ħajja fiżika tagħna. Sabiħ ukoll fil-ħajja soċjali. Fl-irkejjen kollha tagħha. Għax iġib miegħu wċuħ ġodda. Tiżwiq tal-panorama. Żiffa ġdida. Tilqima ġdida. Mhux neċessarjament li l-ġdid jaqla' l-qadim. Kultant irid il-ġdid jaqla' l-qadim, imma aktar spiss il-ġdid jiżżewwaq mal-qadim. Meta fl-Universita' tagħna jkun jum l-għoti tal-lawrji, dan ifisser tiġdid għall-professjonijiet tagħna. Meta jieħdu l-quddiesa s-saċerdoti, dan ifisser tiġdid għall-kleru Malti. Meta jilħqu l-għalliema, dan hu tiġdid fl-edukazzjoni ta' pajjiżna. L-istess meta ġuvnotti u tfajliet imorru ġodda fuq il-bank tax-xogħol u fid-diversi oqsma tax-xogħol. *(par. 3)*

Il-ħajja tiġġedded kuljum biż-żwiġijiet u bil-biki ġdid ta' ħluq ġodda. Ifissru tiġdid il-promozzjonijiet. Anki fil-politika, l-istess taqlib ta' gvernijiet u bdil ta' wċuħ ifisser tiġdid. Inkunu nfissru tiġdid ukoll meta ngħidu li tasal is-siegħa ta' kulħadd. Għax jew nifhmu b'daqshekk li jitwarrbu nies u jiġu oħrajn, inkella li tasal is-siegħa għal kulħadd li jieħu postu u jperper il-bandiera tiegħu. Terġa', it-tiġdid fil-ħajja pubblika, fil-professjonijiet u fis-snajja' ġo pajjiżna hu sabiħ għax illum, aktar mill-bieraħ, ebda sengħa, ebda funzjoni jew karika m'hi monopolju ta' xi familja jew razza jew nies ta' ċerta tifsila politika inkella reliġjuża. *(par. 4)*

(Addattament minn ***Fehmti*** ta' ***J. Micallef Stafrace***)

| A. FEHIM IT-TEST | *(9 marki)* |
|---|---|

1. Għaliex tidher sabiħa l-ħajja fir-rebbiegħa? (par.1)

_______________________________________________ **(marka)**

2. Xi jġib it-tiġdid? (par. 1) ______________________________

_______________________________________________ **(marka)**

3. Xi jrid ifisser l-awtur bil-kliem ***tilbes il-libsa tal-frak vjola delikat?*** (par. 1)

_______________________________________________ **(2 marki)**

4. Skond l-awtur, liema hu l-isbaħ tiġdid? (par.2)

_______________________________________________ **(marka)**

5. Għaliex fil-ħajja soċjali, it-tiġdid hu sabiħ? (par. 3)

_______________________________________________ **(marka)**

6. *l-ġdid jaqla' l-qadim* (par. 3) tfisser li l-ġdid jgħaddi l-qadim:
VERU__________. FALZ__________. **(marka)**

7. Agħti żewġ eżempji minn par. 3 kif tista' tiġġedded il-ħajja soċjali.

_______________________________________________

_______________________________________________ **(marka)**

8. Fl-imgħoddi min kellu xi privileġġi fuq il-karigi, il-funzjonijiet u s-snajja'?

_______________________________________________ **(marka)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | *(25 marka)* |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. ***Jerfa' <u>rasu</u>***: ikteb pronom u ehmżu mal-verb __________________ **(marka)**

2. Minn par. 2, sib frażi fl-Istat Kostrutt ____________________ **(marka)**

3. ***Li jieħu post***: ikteb fin-negattiv : li ma ______________________ (marka)

4. Nom mimmat minn ***iġib***: ______________________ (marka)

5. Agħti z-zokk morfemiku ta' ***sterilità'*** ______________________

u l-konsonanti tal-għerq ta' ***mitni*** ______________________ (2 marki)

6. Nissel il-kelma kif mitlub/a: (6 marki)

| | |
|---|---|
| i. verb minn ***riżultati*** | i. |
| ii. nom astratt minn ***tajba*** | ii. |
| iii. aġġettiv minn ***università'*** | iii. |
| iv. il-5 forma ta' ***xitla*** | iv. |
| v. il-plural sħiħ ta' ***siegħa*** | v. |
| vi. partiċipju passiv minn ***postu*** | vi. |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Ikteb sinonimi għall-kliem b'sing taħtu:

*Tama f'**ġejjieni** sabiħ*: ______________________ (marka)

*Is-**saċerdot***: ______________________ (marka)

8. ***Żahar*** *(par. 1)*. Ikteb żewġ omonimi (kelmiet jixxiebhu fil-ħoss, iżda

b'tifsira u kitba differenti): ____________ ____________ (2 marki)

9. Kelma waħda għal jum ***l-għoti tal-lawrji***: jum il-____________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

10. ***Iġib miegħu wċuħ ġodda*** *(par. 3)*. Għalxiex qed jirreferi l-pronom ***u***

fil-kelma ***miegħu***? ______________________ (2 marki)

11. *il-promozzjon**ijiet*** *(par. 4)* X'jindika s-suffiss ***ijiet*** ?

______________________ (marka)

12. ***Fl-irkejjen kollha tagħha***. Minn xiex hi msawra l-kelma ***tagħha***?

________________________________________ **(marka)**

**SINTASSI**

13(i). Qalleb u għaqqad is-sentenzi mingħajr ma tuża xi konġunzjoni (u, iżda, l-iktar, eċċ.)

*Sabiħ ukoll fil-ħajja soċjali. Fl-irkejjen kollha tagħha.*

________________________________________ **(2 marki)**

(ii). Qalleb is-sentenza b'tali mod li ma tibdilx is-sens:

*Meta z-zokk kollu ħjut tad-dielja jibda ħiereġ minnu l-weraq.*

________________________________________ **(2 marki)**

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | ***(4 marki)*** |
|---|---|

**IDJOMI, QWIEL, VERBI FRAŻJALI ....**

1. Imla l-vojt b'idjoma li taqbel mat-tifsira:
*Kemm ilu li sar it-tibdil u laħaq segretarju, ħaseb li sar xi ħaġa importanti ħafna.*

*Ħaseb li mess* ____________________________ **(2 marki)**

2. Kompli l-qawl biex toħroġ it-tifsira tad-djalogu: **(2 marki)**

**Toni:** *Dejjem l-istess ħaġa nagħmel. Waqajt f'ċerta telqa.*

**Mari':** *Hemm bżonn li tbiddel għax il-varjeta' sabiħa.* Jgħidu

***li min ma***____________________________



**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** *(8 marki)*

Agħżel **WAĦDA** minn ***a*** **jew** ***b***:

a) Sejjaħlek il-Kap ta' l-Iskola u qalek:"Nixtieq nagħti ħajja ġdida lill-iskola". Bħala membru tal-Kunsill, ikteb 8 suġġerimenti għal tibdil/tiġdid li tixtieq tara fl-iskola tiegħek.

b) Lill-*Għaqda Żgħażagħ Ferħana* li inti membru tagħha, taraha mejta wisq. Ikteb ittra ta' 80 kelma lill-president, u li fiha theġġu biex jintroduċi attivitajiet ġodda. Int jismek Mario/a Mifsud, u toqgħod f'numru 20, Triq il-Qolla, Ħaż-Żgħir. L-indirizz tal-Għaqda hu 73, Triq il-Ġiżi, Ħaż-Żgħir.

## E. LETTERATURA: QAWSALLA (29 marka)

**(i) Aqra din is-silta minn "Ghajn Riħana" ta' Ġorġ Zammit, u wieġeb:**

Tiħieli dik l-għanja, misruqa
Minn sema ikħal nir.

Bħal sħaba li ttir waħdanija
Fil-berah ta' sema bla tmiem,
Bħal kewkba li tiellex u tgħaddi,
Bħal sejħa ta' faraġ, ta' sliem,
Int tgħaddi u titbissem. Tiħieli
Dik l-għanja fis qabel tintemm,
Għax l-għana ħallieni, u din qalbi
Midfuna fil-hemm.

Int tgħaddi u titbissem -- għanjietek
Ma tafx ħlief bil-hena u l-ġid.
X'tinkedd jekk is-sajf għad inixxfek?
Int taf li trid tiġi mill-ġdid.
Illum qed isaltan il-biki
Id-demm qed jixxerred gelgul:
Int toħlom li għada, bħall-bieraħ,
Jixxejjer is-sbul.



1. Lil min qed jindirizza l-poeta?

________________________________________ **(marka)**

2. Il-poeta jinħass (a) imxebba'___; imnikket___; qalbieni ___.
   Ikkwota vers mill-poeżija biex biħ issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

________________________________________ **(2 marki)**

3. Mis-silta, sib u ikteb (a) metafora ____________________
   (b) similitudni ______________________________
   (ċ) personifikazzjoni___________________________ **(3 marki)**

4. Ikkummenta dwar l-istrofi, il-versi u r-rima tal-poeżija:__________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ **(4 marki)**

5. Għaliex Għajn Riħana ma tinkeddx jekk is-sajf inixxifha?

(marka)

6. Fisser skond is-sens tal-poeżija:

(a) *fis qabel tintemm* (v. 8)

(b) *għax l-għana ħallieni* (v. 9)

(ċ) *illum qed isaltan il-biki* (v. 15)

(3 marki)

**(ii) Wieġeb mistoqsija *WAĦDA* u ikteb f'għamla ta' komponiment:**

a) F'*Qawsalla*, il-poeti jinqdew bl-ambjent naturali għal għanijiet differenti. Iddiskuti billi tirreferi għal xi xogħlijiet li studjajt.

b) Fost affarijiet oħra, it-tema tal-folklor tagħtina kwadri li juru xi xerrej u bejjiegħa tat-toroq. Agħti tagħrif dwar dawn il-kwadri mill-imgħoddi.

ċ) B'referenza għal dak li qrajt f'*Qawsalla*, ikteb dwar ir-relazzjonijiet bejn l-ulied u l-ġenituri.

**(15-il marka)**

**F. KOMPONIMENT** ***(25 marka)***

Agħżel **wiehed biss** u ikteb daqs **400 kelma** fuq karta separata:



i. Meta biddilna d-dar.

ii. Tibdil li nixtieq nara fil-karattru Malti.

iii. Kienet ir-rebbiegħa. Fil-kampanja kien hemm qawmien sħiħ!

iv. In-nanna ġiet toqgħod magħna. Biddlitilna ħajjitna.

v. Iż-żgħażagħ jistgħu jonfħu nifs ġdid fis-soċjeta'. Iddiskuti.

vi. Il-ġonna pubbliċi joħolqu ħajja oħra f'ambjent kollu bini. Taqbel?